MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2008

Numru 113/2002

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Ersilia sive Alison Gauci ta’ 26 sena mwielda San Ġiljan bint Carmelo u Dolores nee Tabone residenti 46 Flat 5 Marsamxett Road Valletta u li għandha l-karta ta’ l-identita’ bin-numru 449975 (M)

Akkużata talli

a) Fl-aħħar tliet xhur ta’ qabel it-22 ta’ Settembru, 1998 forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga eroina, speċifikata fl-Ewwel Skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta lill-persuna jew persuni jew għall-użu ta’ persuna/i mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta’ Malta mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli ta’ l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita’ mogħtija mill-President ta’ Malta li tforni d-droga u mingħajr ma kienet fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-

dispożizzjonijiet tas-Sitt Taqsima ta' l-Ordinanza msemmija umingħajr ma kellu liċenzja lijipprokura l-istes droga u dan bi skur tar-regolament 4 tar-regoli għall-1939 għall-kontroll intern tad-drogi periikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

b) Talli fl-istess żmien, ħin u ċirkostanzi kellha fil-pussess tagħha d-droga eroina speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kenitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kenitx bil-liċenzja jew xort'oħra awtroizzata li timmanifattura jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kenitx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pusses taħgha u naqset li tipprova li d-droga msemmija kienet forntua lilha għall-użu taħgha skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regola 9 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi skur ta' l-Ordinanza dwar il_mediċini Perikolużi Kapa 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex, f'każ ta' sejbien ta' ħtija, tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9.

3. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid ta' l-imputata li jġib in-numru 4499 ta' l-1975, l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali ta' l-20 ta' Ġunju 2000, il-fedina penali ta' l-imputata, id-digriet tal-Qorti li bih ikkonfermat l-esperti maħturin fil-PV 293/99 Dok AG (fol.14), l-istqarrija ta' l-imputata (a fol.15), id-degriet tal-Qorti mogħti fit-2 ta' Frar 2004 sabiex issir is-separazzjoni ta' l-atti ġaladarba ma setax jinstab Massimo Caruana (fol.31), it-tieni digriet li ngħata dwar is-separazzjoni tal-ġudizzju (fol 41 3 ta' Marzu 2005), il-proces verbal a fol.44, it-talba għal referenza kostituzzjonali magħmula mid-Dottoressa Gianella Caruana Curran għan-nom ta' l-imputata Ersilia

Gauci (fol.105), id-digriet tal-Qorti dwar din it-talba (fol.108-115) u t-trattazzjoni traskritta.

4. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

5. Semgħet it-trattazzjoni ta’ l-abbli Prosekutur u ta’ l-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

6. Fit-22 ta’ Settembru 1998 membri ta’ l-iskwadra kontra d-drogi marru jagħmlu osservazzjonijiet ħdejn il-Magic Kiosk. Ħin minnhom desher ċertu George Bonello u ħdejh resqet karozza żgħira. Deher li ġie skampbjat xi ħaġa. (fol.21). Il-karozza telqet minn fuq il-post u George Bonello instabu fuqu ħames pekketti bi trab suspettata eroina.

7. Mix-xhieda ġuramentata ta’ dan l-istess George Bonello magħmula fit-8.00 pm tat-22 ta’ Settembru 1998 jirriżulta li għal dawn il-ħames pakketti hwua kien ħallas Lm50 fi flus li kienu għaxar karti ta’ Lm5 kull waħda. Il-pakketti ngħatawlu fi stoċċ aħmar wara li kien ċempel ( u hawn ta n-numru tal-Mobile tal-persuna li kkontattja) u ftiehem li jiltaqa’ ma’ din il-persuna ħdejn il-Magic Kiosk. Minn għand din il-persuna huwa kien xtara d-droga eroina xi tlieta jew erba’ darbiet matul l-aħħar ħmistax-il jum. Huwa qal ukoll ‘Għandi ngħid dan l-aħħar ħmistax-il ġurnata erġajt bedjet nuża d-droga eroina.’

8. Fl-istess stqarrija huwa wieġeb kif ġej għal xi mistoqsijiet li sarhulu:

***‘’M. Dan il-ġuvni dejjem waħdu ġie jbagħlek d-droga?***
***R. Le niftakar li darba minnhom ġie ma’ tfajla li naf li jisimha Alisaon kunjomha ma nafux iżda naf li hi mill-Blet Valletta. Għandi ngħid li dak in-nhar li ġi et miegħu, cioe’ ma’ dan il-ġuvni, id-droga newlethieli hi jiġifieri Alison.***

***M. Dak in-nhar il-flus lil min tajthom?***

***R. Dak in-nhar il-flus tajthom lil Alison.***

***M. Tista' tagħti deskrizzzjoni ta' Alison?***
***R. Alison hi tfajla kemmxejn ħoxna, xagħra nnuklat bjonda kannella ċara u naħseb li għandha madwar 25 sena.***

***M. U jaekk taraha tagħrafha?***
***R. Iva.***

***Omissis***

***M.Qed tiġi muri sett ta' erba' ritratti oħra din id-darba ta' erba' tfjaliet. Tagħraf lil xi ħadd minnhom?***

***R. In-number 4 qed nagħrafha bħala Alison li indikajt fl-istqarrija tiegħi.***

***M. Meta l-aħħar li ħadt droga?***
***R. L-aħħar li ħadt droga kien xi tlitt ijiem ilu.'***

9. Fuq ir-ritratt numru 4 **biss** mill-erba' ritratti ta'nisa jew tfajliet esibiti tidher firma kif ukoll in-numru tal-karta ta' l-identita'. In-numru tal-karta ta' l-identita' huwa 509764(M) li huwa l-istess numru tal-karta ta' l-identita' ta' l-imputat. (Ara fol.8). Il-firma ta' l-imputat li tidher fuq ir-ritratt hija identika bħala dik li hemm a fol 8 fuq isem l-imputat. **Din il-firma kienet ikkonfermata mill-imputat waqt ix-xhieda.**

10. Fir-rapport tal-Maġistrat Inkwirenti (a fol.2 tal-Proces-Verbal) jidher dan li ġej:

'George Bonello għażel li jixhed u kkonferma bil-ġurament l-istqarrija tiegħu li ġiet esibita u mmarkata bħala dokument CSH kif ukoll ikkonferma l-identita' tal-persuna li huwa semma fl-istqarrija.'

11. A fol 6 (verżjoni dattilografata) u fol.7 (ara l-kitba b'd il-Maġistrata Inkwirenti ) hemm dan il-kliem:

***'Għadha kif inqratli l-istqarrija li jien rrilaxxjajt llum stess g]all-]abta ta-ttleit w nofs stess u tliet minuti ta' wara nofsinhar fl-uffiċju ta' l-Iskwadra kontra d-Droga u nikkonfermaha fl-intir ta]gha. Nikkonferma r-ritratti li ndikajt fl-istqarrija u nikkonferma li ż-żewġ min-nies li indikajt fl-istqarrija tiegħi huma t-tnejn min-nies mingħand min xtrajt d-droga.'***

**L-Istqarrija ta' l-imputata**

12. Fl-istqarrija tagħha magħmula fit-23 ta' Settembru 1998, l-imputata stqarret li ma kenitx taħdem u li l-karozza li kellha (Mazda 212) kienet karozza tal-kiri minn għand Paul and Rocco tal-Gżira u tagħha kienet tħallas Lm5 kull jum. Filgħodu [1]kienet tmur id-detax għall-mistura. Għall-mistoqsijiet l-oħra (ara fol 16) l-imputata ma weġbitx. ( **Ara wkoll ix-xhieda ta' WPS 45 Marisa Bartolo a fol.50 li għarfet lill-imputata bħala l-persuna li ffirmat l-istqarrija).**

13. Xehed l-Ispiżjar Mario Mifsud [2]dwar il-qratas li nstabu fuq George Bonello li kienu elevati fit-22 ta' Settembru 1998 iżda din ix-xhieda ngħatat meta l-proċeduri kienu għaddejjin kontra żewġ imputati u mhux kontra l-imputata weħidha. Din ix-xhieda, dwar il-qratas tad-droga li nstabu fuq George Bonello, *ma għandhiex relevanza għall-każ ta' l-imputata għaliex il-qratas ma kinux inġabru minn għandha fil-jum in kwistjoni.*

14. Fit-3 ta' Marzu 2005 xehdu wkoll l-Ispettur Raymond Cassar u PS 602 Jonathan Attard[3] li kkonfermaw ir-relazzjoni tagħhom dwar x'kienu elevaw minn Lacaris Ditch fil-Belt. *Iżda fil-fehma tal-Qorti din ix-xhieda.m'għandhiex relevanza għall-każ ta' l-imputata iżda għall-każ ta' l-imputat l-ieħor.*

15. Fl-4 ta' Lulju 2005 xehed ukoll PC 138 Joseph Portelli li qal li ra lil George Bonello jarmi l-pakketti fit-22 ta' Settembru, 1998. Xehdu wkoll PS 579 Antoine Micallef u

---

[2] Reġa' xehed l-Ispiżjar Mario Mifsud a fol 56 li reġa' kkonferma r-relazzjoni tiegħu.
[3] Reġa' xhed dwar l-istess punt a fol.60-65

PC 349 John Farrugia li ddeskrivew x'kien inġabar minn taħt Massimo Caruana (fol 52, 53, 54, 55). PS 536 Jason Caruana ikkonferma dak li xehdu dawn iż-żewġ xhieda. (Fol. 67) **Biss dan ta' l-aħħar qal li l-imputata ma kenitx fuq il-post. (Ara fol.67).** *Barra dan l-aħħar punt, ix-xhieda ta' dawn il-membri tal-Pulizija mhix relevanti għall-każ ta' Alison Gauci.*

16. Fis-17 ta' Frar 2006, xhedu wkoll ex-PS 951 Joseph Tonna u PS 1057 Mario Cuschieri li ddeskrivew kief kien twaqqaf George Bonello ħdejn il-Magic Kiosk u kif dan kien tefa' l-qratas ma' l-art. (Fol. 73 – 78). PC 123 Saviour Galea għaraf lill-imputat Massimo Caruana u xehed dwar x'kien sab ħdejn saqajn dab l-imputat. PC 102 Anthony Portelli xhed dwar l-istqarrija ta' Massimo Caruana. (fol.81 u 82). *Ix-xhieda mogħtija minn dawn il-persuni mhix relevanti għall-każ kontra Alison Gauci.*

17. Xehed George Bonello fit-2 t'Ottubru 2007 li qal li ma kien jiftakar xejn fuq dan il-każ. Huwa qal:

**''assolutament xejn. Lanqas l-imputati lanqas qed nagħrafhom.'**

18. Huwa ftakar li kien ġie arrestat minħabba li kien inqabad fil-pussess ta' l-eroina. (fol.92). Meta l-Prosekuzzjoni staqsietu jekk kellux każ wieħed huwa wieġeb:

'Każ miegħek imma ma iftakarx.' (fol.92).

19. Il-Qorti qratlu l-istqarrija kollha li kien għamel quddiem il-Maġistrat Dr.Consuelo Scerri Herrera (ara fol.93-96), meta l-Qorti staqsietu:
'
Hawn hekk hawn ir-ritratti, arahom, please. Tikkonferma li kont għaraft dawn ir-ritratti?'
**Huwa qal li l-firma kienet tiegħu (fol.96)**

20. Mistoqsi jekk kienx jiftakar li kien ta dik ix-xhieda l-imputat qal:

"Dettalji ma niftakarhomx imma niftakar hux.' (fol.96).

21. Fil-kontro-eżami huwa wieħġeb li kellu l-vizzju tad-droga. Huwa qal li kien arrestat diversi drabi u dwar jekk kienx irrilaxxja diversi stqarrijiet huwa qal' "Jista' jkun, iva.' Huw am ftakarx kemm-il darba ġei arrestat f'ħajtu. Huwa qal li ma kienx jiftakar x'ġara disa' snin qabel. Meta kien mistoqsi jekk lill-imputat kienx jiftakarha dan qal:

'Illum ma niftakarhiex.'

22. Huwa qal li kien ra ftit sekondi disa' snin qabel. (ara fol.100)

Huwa qal ukoll li l-fatt li lilu arrestawh kien jiftakru. Imma d-dettalji preċiżi, x'ġara u l-ħinijiet ma kien jiftakar xejn. Fuq dak il-każ ta' disa' snin ilu kienu ressquh u minn għalih il-każ kien fuq pussess.

23. Il-Qorti fakkritu li dak iż-żmien huwa kien għaraf ir-ritratti (fol.102).

24. Ix-xhud kien wieġeb: **'Iva l-firma tiegħi.' (fol.102).**

**It-Trattazzjoni.**

**Il-Prosekuzzjoni**

25. Il-Prosekuzzjoni insistiet li x-xhud George Bonello kien investigat għall-abbuż mill-eroina. Huwa kien irrilaxxja stqarrija fejn kien indika żewġ persuni. Fil-konfront ta' Alison Gauci huw akien għażel ir-ritratt numru 4. Ix-xhieda kienet ikkonfermata quddiem il-Maġistrat Scerri Herrera. Fuq l-imputata ma kinitx instabet droga. Il-Qorti għandha quddiemha żewġ xhieda – dik li ta dan ix-xhud quddiem il-Maġistrat Inkwirenti u dik lit a fl-Awla. Fl-istqarrija kien qal li kienet għaddietlu d-droga hi u ta l-flus lilha.

26. Quddiem il-Qorti huwa qal li ma jiftakarx iżda kien qed jagħraf il-firma tiegħu meta identifika r-ritratt ta' Alison Gauci.

**Id-Difiża**

27. Id-Difiża rreferiet għas-sejba ta’ 5 sachets fil-pussess ta’ George Bonello li ien qal li ħallas xi ħamsin lira Maltija. Kien hemm Pulizija limarru Tas-Sliema u dawk li marru l-Belt. Kien hemm pulizija li qalu li kienu segwew il-karozza sa ħdejn Lascaris Wharf u li taħt siġra sabu lil Massimo Caruana. Ħadd mill-Pulizija ma ra xi skambju jsir bejn George Bonello u Massimo Caruana. George Bonello kien arrestat Tas-Sliema waqt li Massimo Caruana kien arrestat il-Belt. Fuq l-imputata ma nstabet ebda droga u lanqas ma nstabu flus.

28. Jekk wieħed kien ilu ma jieħu d-droga ħames snin u kien biss l-aħħar ħmistax li beda jieħu kull jum, wieħed ma jkunx magħruf sew fl-ambjenti tad-droga kif qalu l-Pulizija.

29. George Bonello qal li kien ħallas Lm50 b’karti tal-Lm5 jew Lm10. Il-flus li nstabu fuq Massimo Caruana ma kinux jirriflettu dak li qal George Bonello. Jekk sar l-iskambju l-Pulziiaj kellha ssib il-flus fuq Massimo Caruana. Id-Difiża staqsiet kemm huwa kredibbli George Bonello.

30. George Bonello ma għarafx lil Alison Gauci meta tela’ jixhed u qal li ma kellu ebda idea tal-kontenut tax-xhieda ġuramentata li kien ta fl-1998.

31. George Bonello ma kienx mitlub jikkonferma l-firma fuq ir-ritratt ta’ Alison Gauci. Huw kkonferma l-firma fuq l-istatement iżda mhux fuq ir-ritratt.

32. Fil-Proces-Verbal ma jissemmiex liema kienet il-persuna li kkonferma l-identita’ tagħha.

33. Fuq ir-ritratt hemm ID card number li mhux ta’ l-imputata.

34. Fl-istqarrija George Bonello kien qal li deejm kien qed jixtri d-droga minn għand Massima Caruana. U li darba kien akkumpnajat minn din it-tfajla.

35. Meta juża l-kelma ‘Għandi ngħid’ kif għamel dan ix-xhud, allura adna mhux ċert.

36. M’hemmx data ta’ meta kien akkumpanjat dan Massimo Caruana minn din Alison meta newlet, jekk newlet, id-droga.

37. Hemm ukoll differenza bejn in-numru mogħti mill-Ispiżjar Mario Mifsud għal ċertu document u dak li taw il-Pulizija.

38. Il-fingerprints ma ġewx imqabbla ma’ ta’ Alison u m’hemmx il-prova li Alison kienet taf x’qed tnewwel.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

39. Aktar ‘il fuq il-Qorti rreferiet għal xhieda li mhix relevanti għall-każ ta’ l-imputata għaliex din ix-xhieda għandha x’taqsam ma’ l-imputat li kien akkużat magħha fil-bidu tal-proċeduri.

40. Matul il-proċess, kellha ssir separazzjoni tal-ġudizzju minħabba l-assenzi ta’ l-imputat l-ieħor li daqqa jidher u daqqa ma jidhirx. Kull meta kien preżenti dan l-imputat ukoll, ix-xhieda mogħtija kienet qed tidher fiż-żewġ proċessi.

41. Għalhekk l-ewwel ħaġa li qed tagħmel il-Qorti hi li tindika biċ-ċar li x-xhied arelevanti għall-każ kontra l-imputata Alison Gauci huma:

(a) Ix-xhieda ta’ l-Ispettur Norbert Ciappara;
(b) L-istqarrija ta’ l-imputata;
(ċ) L-Istqarrija ġuramentata ta’ George Bonello;
(d) Ix-xhieda ta’ George Bonello u
(e) Ix-xhieda ta’ PS 536 Jason Caruana li qal li l-imputata ma kenitx fuq il-post meta l-Pulizija marru fejn kien Massimo Caruana.

42. Il-Qorti eżaminat bir-reqqa x-xhieda ġuramentata ta’ George Bonello u x-xhieda tiegħu minn fuq il-pedana tax-xhieda.

**Il-Qorti temmen il-verżjoni ġuramentata u ma temminx li George Bonello ma kien qed jiftakar xejn.**

43. Il-Qorti rat lil dan ix-xhud jixhed u jippretendi li qiegħed konvenjentement jinsa. Assolutament, il-mod kif xehed ma kien attendibbli xejn u wera biċ-ċar li ma riedx jgħid il-verita' li kien jaf. Lanqas ma temmen il-Qorti li dan ix-xhud kien nesa kollox għaliex għaddew disa' snin. Xhieda ġuramentata quddiem Maġistrat Inkwirenti ma tingħatax kull jum. U meta kien ikkonfrontat bil-firma tiegħu fuq ir-ritratt ta' l-imputata – u allura minn hawn ma setax joħrog - u għal mistoqsija mill-Qorti:

'Tinsiex li inti kont għaraft ukoll ir-ritratti dak iż-żmien'

ix-xhud wieġeb

**"Iva l-firma tiegħi.' (fol.102)**

**<u>Huwa għaraf il-firma tiegħu fuq ir-ritratti darbtejn. (ara wkoll fol.96).</u>**

44. Fir-ritratt li fuqu hemm il-firma ta' l-imputat hemm ix-xbiha ta' l-imputata ċara daqs il-kristall. Ix-xhud ried jipperswadi l-Qorti li ma kienx qed jiftakar x'qal jew ir-ritratt li huwa kkonferma bl-ID Card tiegħu b'kollox. Il-Qorti ma temmnix din l-amnesja.

45. Skond l-imputazzjoni t-traffikar kien imputat lill-imputata **fl-aħħar tliet xhur** qabel it-22 ta' Settembru 1998. Ix-xhud George Bonello kien arrestat fit-22 ta' Settembru 1998, kien waqaf juża l-eroina għal ħames snin u kien reġa' beda juża d-droga eroina **l-aħħar ħmistax ta' qabel it-22 ta' Settembru 1998 u l-aħħar li kien ħa d-droga kien tlitt ijeim qabel. ( Ara fol.9 il-vers ta' qabel ta' l-aħħar).**

**46. Dan ifisser li l-allegat traffikar bejn Alison u x-xhud sar fil-parametri tad-dati indikati fl-imputazzjoni għaliex l-imputat reġa' beda jieħu d-droga ħmistax qabel waqt li fl-imputazzjoni hemm parametri ta' tliet**

**xhur li huwa żmien raġonevoli. L-espressjoni ta' ħmistax qabel ix-xhud jużaha darbtejn fl-istqarrija ( a fol 8 u a fol 9) u turi konsistenza l-konsistenza ta' dan ix-xhud.**

47. Huwa qal li l-persuna li kienet newwlitlu d-droga u ħadet il-flus kien jisimha Alison u kienet mill-Belt u kellha madwar 25 sena.. Effettivament, l-imputata jisimha Alison, hija jew skond l-indirizz mogħti fiċ-ċitazzjoni u fl-istqarrija tagħha huwa fil-Belt u twieldet fl-1975 u għalhekk dak iż-żmien kellha madwar 23 sena.

48. Waqt il-proċeduri tax-xhieda ġuramentata quddiem il-Maġistrat Inkwirenti , l-imputat mhux biss ikkonferma l-istqarrija fl-intier tagħha iżda ikkonferma r-ritratti taż-żewġ min-nies li huwa kien indika fl-istqarrija tiegħu.

49. Il-Qorti hija soddisfatta moralment li

(a) George Bonello għaraf lill-imputata;

(b) Li bejn id-dettalji mogħtija fl-istqarrija ġuramentata **u** fl-għarfien tar-ritratt ta' l-imputat iffirmat mix-xhud bl-ID Card tiegħu hemm prova ampja ta' l-identifikazzjoni bejn l-imputata u dak li ntqal u kien ikkonfermat fir-ritratti;

(ċ) Li kontra dak li allegat id-difiża fit-trattazzjoni (fejn qalet li George Bonello ma kkonfermax il-firma tiegħu fuq ir-ritratt) George Bonello ikkonfermaha għal darbtejn.

(d) Li fuq kollox, George Bonello bl-ebda mod ma kienx kostrett jagħraf lill-imputata għaliex meta kien arrestat iċ-ċirkostanzi kien każ ta' meta sar allegatament traffikar bejn persuna oħra u dan ix-xhud. Effettivament huwa sinifikanti ħafna li dan ix-xhud ma bediex jitkellem fuq l-imputata qabel ma kienu diġa' għaddew 41 vers mill-istqarrija u fquha tkellem biss għal 9+1 (għaxart ivrus biss) u dan minn 61 vers jew 16% ta' l-istqarrija kollha. Difatti seta' ma semma lill-imputata xejn għax dak in-nhar ta' meta kien arrestat, l-imputata ma tirrafigura imkien f'dak li ġara.

(e) Ma kienx għadda żmien minn meta ra r-ritratt u tkellem dwarha fl-istqarrija għaliex hu kien reġa' beda jixtri d-droga l-aħħar ħmistax qabel id-data ta' arrest tiegħu. Għaldaqstant il-memorja kienet friska.

(f) Jekk ir-ritratt ta' l-imputata ma kellux konnotati fuqu, dan għen sabiex ix-xhud għażel ir-ritratt bla ebda influwenza ta' xejn u mhux il-memorja tiegħu straħet fuq xi prompt bħal xi isem jew numru ta' xi karta ta' l-identita' jew indikazzjoni tal-post fejn toqgħod.

(g) Fl-istqarrija meta x-xhud kien mistoqsi jekk jagħrafx lill-imputata mill-ewwel qal "Iva' bla eżitazzjoni ta' xejn.

(h) Ma jidhirx li dan ix-xhud kien taħt xi stress – bħal meta, per eżempju xi derubat jew xi ħadd li indirab sew jintalab jagħraf persuna li daħlet tisirqu jew lit kun għamlitlu offiża gravi.. Wara kollox ix-xiri ta' droga huwa marbut ma' soddisfazzjon għal ġibda li wieħed ikollu.

(i) L-imputata u r-ritratt huma l-istess persuna.

50. Id-Difiża tissottometti li George Bonello ma kienx ċert għaliex uża l-espressjoni 'Għandi ngħid'. Il-Qorti tinnota li l-imputat uża l-espressjoni darbtejn (fol.9 tal-Proces-Verbal. Bir-rispett kollu, il-Qorti għarblet id-Dizzjunarju tal-Professru Ġuże' Aquilina taħt il-kelma 'għand' jew 'għandi' u mkien ma sabet din it-tifsira. L-espressjoni ma turi ebda inċertezza u tikkorrispondi 'Il faut dire', 'Ich muss sagen', 'Devo dire' 'Tengo que decir' u 'I have to say', espressjonijiet li f'ebda waħda minn dawn l-ilsna ma turi xi dubju.

51. Id-Difiża ssottomettiet li ma sarx tqabbil bejn il-fingerprints li nstabu ma' l-fingerprints ta' l-imputata. Fil-fehma tal-Qorti ma kienx hemm għalfejn dan isir u dan għaliex ix-xhud George Bonello ma semmiex lill-imputata in konnessjoni ma' x'ġara dak in-nhar li kien arrestat iżda f'dak li kien seħħ fl-aħħar ħmistax-il jum. Għalhekk jekk il-Pulizija elevat fingerprints fit-22 ta' Settembru, 1998, ma kien hemm ebda skop li dawn jitqabblu ma' ta' l-imputata.

52. L-istess jingħad dwar xi diskrepanza fin-numru mogħti lid-dokument mill-Ispiżjar Mario Mifsud u dak mogħti mis-scene of the crime officers minħabba li s-sustanza elevata ma kellha x'taqsam xejn ma' dak li George Bonello xehed dwar l-imputata x-xhud waqt ix-xhieda ġuramentata.

53. Id-Difiża ssottomettiet li ħadd ma kien ra xi skambju bejn George Bonello u l-imputat l-ieħor. Iżda l-provi **ma jsirux biss** billi wieħed jara x'sar. Il-prova tista' ssir, per eżempju, fi stqarrija kif sar f'dan il-każ u f'kull każ l-allegat tnewwil ta' eroina mill-imputata u l-ħlas lilha ma sarx meta l-Pulizija arrestaw lil George Bonello ħdejn il-Magic Kiosk.

54. Id-Difiża ssottomettiet ukoll li m'hemmx prova li l-imputata kienet taf li qed tnewwel id-droga. Ma' din is-sottomissjoni l-Qorti ma taqbilx. Mix-xhieda ġuramentata jirriżulta bl-aktar mod ċar li l-imputata mhux biss tat id-droga eroina lix-xhud iżda li ħadet il-flus ukoll. Oltre dan, ai termini ta' l-artikolu 26(1) tal-Kap 101 l-obbligu li jipprova li hemm materja ta' eċċezzjoni jew difiża jmiss **lill-persuna li tkun trid tinqeda biha** (jiġifieri b'tali eċċezzjoni jew difiża).

55. Lanqas ma jfisser li għaliex fuq l-imputata ma nstabet ebda droga allura din ma kenitx għaddiet id-droga lix-xhud qabel. Mhux bil-fors li kull min jitraffika ser tinstablu xi ħażna tad-droga. Li kieku stess din tinstab din issaħħaħ id il-Prosekuzzjoni iżda n-nuqqas ta' preżenza tagħha ma twassalx għall-konklużjoni li allura t-traffikar ma seħħx. M'hemm xejn fil-Liġi Maltija li tirrikjedi pluralita' ta' provi. Bil-maqlub, ix-xhieda ta' xhud wieħed biss hija biżżejjed bħala prova. La l-Kap 9 u lanqas il-Kapi 31 u 101 ma jitolbu xi korroborazzjoni ta' xi prova.

56. Fl-aħħarnett id-difiża rat diskrepanza bejn il-figura tal-flus mogħtija minn George Bonello u dik li qal li nstabet l-Ispettur Ciappara fuq l-imputat l-ieħor. Il-Qorti b'daqshekk ma tara ebda nuqqas ta' verita' fix-xhieda ġuramentata. L-Ispettur qal li nstabu Lm123 waqt li George Bonello qal li l-flus kienu għaxar karti tal-ħames liri. Ma jfissirx li dawn il-flus ma jagħmlux parti mill-Lm123 jew mill-(a) Lm35; (b)

Lm24; u (ċ) il-Lm35, Lm9, Lm20, Lm7, Lm15, Lm2 u Lm3 in coins li nstabu fuq l-imputat l-ieħor.

57. Il-Qorti ahwn tagħmel referenza għall-każ ‘Carmel Camilleri against Malta’ – każ fejn xhud kien qal mod fix-xhieda ġuramentata u xehed mod ieħor fil-Qorti. il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem qalet hekk: [4]

***‘The Court does not accept the applicant’s submission that the decision of the Court of Magistrates to convict him solely on the strength of the impeached statement in reality curtailed his defence rights. It is to be noted tha the court had to make a choice between competing versions of the truth. It had the advantage of hearing the oral testimaony of G.F. and observing his demeanour in the witness box………***

***The Court gave detailed reasons for its decision to attach weight to G.F.’s accusatory statement before the investigating magistrate…..***

***The Court for its part notes that G.F. first gave his statement on the 30th November 1991 of his own volition and under caution to a police inspector. The following day he confirmed the content of that statement under oath before the investigating magistrate. G.F’s consistency of approach over this period would strongly argue against his assertion that he was not lucid at the material time.’***

58. Il-Qorti qed tikkonkludi li wkoll jekk l-imputata tat l-eroina għan-nom ta’ ħadd ieħor, xorta kienet qed tissuplixxi d-droga u dan ai termini ta’ l-artikolu 22(1B) tal-Kap 101 imqar jekk, f’din il-fornitura tad-droga eroina, kienet qed isservi ta’ connecting channel. Għalhekk qed tikkonkludi li l-Prosekuzzjoni ippruvat kemm l-ewwel kif ukoll it-tieni imputazzjoni bit-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel waħda.

---

[4] Application Numher 51760/99 16th March 2000 Second Section European Court of Human Rights.

## Konklużjoni

59. Il-Qorti, wara li rat ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939 kif ukoll it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) u 22(1B) tal-Kap 101, kif ukoll l-artikolu 17(h) tal-Kap 9 issib lill-imputata ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tagħha b'dan pero' li bit-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel imputazzjoni.

60. Il-Qorti, wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, qed tikkundanna lill-imputata għall-piena ta' sitt xhur priġunerija u għall-ħlas ta' multa ta' €466 liema multa tista' titħallas b'rati ta' €50 Ewro fix-xahar bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Fin-nuqqas ta' ħlas ta' xi pagament, il-bilanċ ikun dovut f'daqqa. Jekk ma tiħtallasx xi parti mill-multa din tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 Ewro mhux imħallsin.

61. Il-Qorti mhix tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 għax ma jidhirx li l-esperti tqabbdu minħabba l-parti tal-każ kontra l-imputata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------